# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-24 ta’ Lulju 2012

## dwar il-konklużjoni, tal-Ftehim fil-forma ta’ Skambju ta’ Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar l-introduzzjoni jew iż-żieda ta’ dazji tal-esportazzjoni fuq materja prima

(2012/435/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/108/UE [1], il-Ftehim fil-forma ta’ Skambju ta’ Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar l-introduzzjoni jew iż-żieda ta’ dazji tal-esportazzjoni fuq materja prima (il-“Ftehim”), ġie ffirmat fis-16 ta’ Diċembru 2011, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

(2) Il-Ftehim għandu jkun approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim fil-forma ta’ Skambju ta’ Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar l-introduzzjoni jew iż-żieda ta’ dazji tal-esportazzjoni fuq materja prima huwa b’dan approvat f’isem l-Unjoni Ewropea [2].

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jinnomina l-persuna/i li jkollhom is-setgħa li jipproċedu, f’isem l-Unjoni Ewropea, biex jagħmlu n-notifika prevista fil-Ftehim sabiex jiġi espress il-kunsens tal-Unjoni li tintrabat bil-Ftehim [3].

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta’ Lulju 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. D. MAVROYIANNIS

---

[1] ĠU L 57, 29.2.2012, p. 52.

[2] Il-Ftehim ġie ippublikati fil-ĠU L 57, 29.2.2012, p. 53, flimkien mad-deċiżjoni tal-iffirmar.

[3] Id-data ta’ dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim ser tkun ippubblikata f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.